MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1957/2005

**Talba Nru: 1957/05VGD**

Frank Borda Limited (C446).

Vs

Renald Callus u b'digriet tat-Tribunal tat-28 ta' Awissu 2006 it-Tribunal laqa' t-talba ghal kjamata in kawza ta' Carmen Callus.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' mija, u erbgha u sttin lira Maltin (Lm164) rapprezentanti import ta' seba kambjali skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjes u bl-

interessi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u tnejn u tmenin Ewro u centezmu (€382.01), ekwivalenti ghal mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm164), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------